# TEATRU MANOEL

1732

1214

**Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni**
(Dipartiment Kultura u Ambjent)

jippreżenta lill-

**Koperatturi** bl-għajnuna ta' **l-Istitut Kattoliku:**

# EDIPU s-SULTAN

ta'
SOFOKLI

maqlub għall-Malti
minn
OLIVER FRIGGIERI

Direzzjoni
CARMEL S. AQUILINA

**14 - 16 ta' April 1989**

# Nota tad-Direttur



It-teatru f'Ateni tal-ħames seklu qabel Kristu kien igawdi post ċentrali fl-eżistenza u l-moħħ ta' komunità magħquda. L-eluf imperrċa fuq it-taraġ imqatta' ma' l-għoljiet kienu jitfgħu għajnejhom fuq l-azzjoni drammatika: l-iskop ta' din kien intensità konċentrata u sempliċità ta' effetti magħżula, li kienu jirriflettu l-ħajja 'demokratika' ta' dak iż-żmien. Teatrikament il-protagonista kien isaltan filwaqt li l-ħsieb kien jittajjar ħieles u jifli l-ispettaklu.

L-udjenza tas-seklu għoxrin tħaddan kriterji oħra: l-antiteżi 'huma — aħna' tirrenja kważi kullimkien, il-patrijottiżmu għandu ħabta jifred, it-twemmin u l-moralità għandhom mill-varjetà ta' kuluri tal-qawsalla. Anke l-idjoma teatrali tal-mument tnibbet u tinxef kull siegħa skond il-ħtieġa. Iż-żminijiet mhumiex tad-deheb; tisthajjel lil Thucydides qiegħed iwassal aħbar lilna meta kiteb hekk dwar il-pesta li ħakmet 'l Ateni: *"L-istess għasafar li jgħixu minn fuq il-kadavri ħarbu mill-belt. Il-paniku jinstab kullimkien, l-iktar minħabba n-numru kbir ta' nies. Gżuż ta' kadavri huma miġbura fit-toroq jistennew id-difna."*

Fl-1946, eżatt wara d-diżastru ta' l-aħħar gwerra, il-kumpanija 'Old Vic' ma kellhiex għalfejn tuża Teatru Grieg u l-kor biex tirreġistra suċċess kbir bil-produzzjoni tagħha ta' **EPIDU s-SULTAN.** F'dawk il-granet il-kliem ta' Sofokli kien biżżejjed biex iservi bħala twissija kontra l-ħerba li jġib it-tirann. Il-gwerra t'għada taf teqred it-teatru (u l-umanità) għal dejjem. Mingħajr ma tagħti ċans lil xi Edipu ta' dik l-epoka jindem u jikkastiga lilu nnifsu bl-aħrax.

Aħna bħal Sofokli nemmnu li l-ħajja hija vasta, kumplessa u nċerta u għadna lura wisq milli nikkontrollawha. Minn-naħa l-oħra, nemmnu bħalu li *"hemm liġijiet imseddqin fl-għoli, li ebda bniedem ma kellu sehem fi twelidhom u li mqar jekk jintnesew, qatt ma jitraqqdu."*

Għandna responsabilità lejn ta' wrajna. Għalhekk f'din il-produzzjoni ta' **EPIDU s-SULTAN,** it-tfal huma kollha għajnejn.

**Carmel S. Aquilina**
*Direttur*

# Kumment tat-Traduttur

L-istudju formali tal-Grieg u tal-Latin li għamilt fis-Seminarju u fl-Università għal tmien snin qanqlu fija sa minn kmieni qima kbira lejn iċ-ċivilta' klassika qadima, kif ukoll ix-xewqa li nara xogħolijiet ewlenin maqlubin fl-ilsien Malti. Dan kien li fl-1974-75 ġegħelni ninxeħet biex naqleb mil-Latin it-trattat poetiku **DE ARTE POETICA** ta' Orazju. Dan ukoll ġegħelni nilqa' l-istedina li għamluli l-Koperatturi biex naqleb dan ix-xogħol magħruf ta' Sofokli.

Nistqarr, madankollu, li f'dan il-każ kelli nistrieħ sewwa fuq żewġ traduzzjonijiet Ingliżi fost l-aħjar li jeżistu, magħmulin minn żewġ studjużi stmati ħafna, John Gassner u H.D.F. Kitto.

Fil-qlib tiegħi fittixt, qabel xejn, li nersaq kemm nista' lejn ir-reqqa li jitlob test klassiku bħal dan. Id-dinjità ta' l-espressjoni, il-burdati differenti tat-taħdit, it-tensjoni li tintrass fil-versi, ir-ritmi differenti li timxi bihom il-kuxjenza matul id-dramm kollu: huma lkoll xejriet tal-kontenut u tal-forma li ħabrikt li rroddhom fl-aħjar Malti li stajt nasal għalih. Warrabt ir-regolarità metrika biex it-test jimxi aħjar skond il-ħtiġijiet teatrali ta' żmienna; min-naħa l-oħra fittixt li nsawwar ritmiċità inqas regolari iżda mużikali xorta waħda. It-test Malti jgħaddi sikwit minn mudelli metriċi fissi għal impostazzjonijiet li huma eqreb tal-proża li, nittama, hi dejjem proża għolja li tidwi wkoll b'armonija ġewwiena partikulari għaliha.

Bħal drabi oħrajn, jien u naqleb **EPIDU s-SULTAN,** erġajt fhimt kemm il-Malti huwa lsien għani u sabiħ, espressiv u mogħni bix-xejriet kollha li b'ebda mod ma jagħmluh inferjuri quddiem l-ilsna meqjuma l-oħra. L-għażla tal-kliem, il-qagħda tiegħu fis-sentenza, il-bilanċ bejn il-ħsejjes differenti tal-konsonanti u tal-vokali: huma lkoll aspetti li bihom fittixt ukoll li nuri kemm il-Malti hu espressiv. Nemmen li minbarra drammi oriġinali Maltin, it-teatri lokali għandhom jippreżentaw kull dramm barrani bil-Malti, jiġifieri b'din il-lingwa li daqskemm hi sabiħa u għanja hi wkoll imkasbra, sikwit imwarrba minħabba kriterji foloz li d-dinja moderna ilha li ċaħdithom.

**Prof. Oliver Friggieri**

# EDIPU s-SULTAN

| | |
|---|---|
| Edipu, *sultan ta' Tebi* | **John Suda** |
| Qassis ta' Zeus | **Anthony Ellul** |
| Kreon, *ħu Jokasta* | **Lino Grech** |
| Tejresjas, *profeta għama* | **Manuel Cauchi** |
| Jokasta, *mart Edipu* | **Monica Attard** |
| Korintin | **Michael Tabone** |
| Ragħaj | **John Farrugia** |
| Qaddej | **Alfred Mallia** |
| Kor | **Simon Curmi, Tony Briffa, Louis Buhagiar, Emanuel Cassar, Franco Debono, John Formosa, Philip Mizzi, Stanley Portelli, Michael Sciortino** |
| Ilħna | **Anna Cachia, Claudette Pace** |
| Antigone, *bint Edipu* | **Sandra Buhagiar** |
| Ismene, *bint Edipu* | **Roberta Suda** |
| Qaddejja ta' Jokasta | **Nicola Mintoff** |
| Tifel ma Tejresjas | **Dorian Dalli** |
| Suldati | **Alec Massa, Joe Debono, Donio Cini, Brian Farrugia, Tony Fiorini** |
| Folla | **Stanley Agius, Wilfred Aquilina, Sylvann Borg, Jean-Pierre Busuttil, Ruth Gatt, Helen Gauci, Tania Scicluna, Ramona Vidal, Michelle Vigar, Felicienne Zammit** |

**Ikun hemm intervall ta' 20 minuta bejn l-ewwel u t-tieni att.**

| | |
|---|---|
| Direttur tal-Palk | **Chris Mifsud** |
| Asst. Direttur tal-Palk | **Charles Mangion** |
| Sett | **Harry Borg** |
| Bini tas-Sett | **Chris Mifsud** |
| Disinn tal-Kostumi | **Harry Borg** |
| Kostumista | **Maria Saliba** |
| Asst. Kostumista | **Marianne Bonaci** |
| Poster | **Manuel Cauchi** |
| Irtokk | **Lina Galea Cumbo** |
| Segretarji | **Tania Borg**<br>**Ġwann Abela** OFM |
| Kompożizzjoni u Direzzjoni Mużikali | **Toni Sant** |
| Moviment tal-kor | **Ray Mamo** |
| Flawt u Timpani | **Joe C. Tanti** |

***Għat-Teatru Manoel:***

| | |
|---|---|
| Dwal | **Vanni Laus** |
| Mastrudaxxi tal-palk | **Emmanuel Dalli**<br>**Frans Mifsud** |
| Booking Clerk | **Michelle Muscat** |

# L-ISTORJA

Xi ħmistax-il-sena qabel il-jum li fih isseħħ din it-traġedja ġo Tebi, Edipu, li dak iż-żmien kien għadu żagħżugħ, kien ġie mwissi mill-Oraklu ta' Delfi li kellu joqtol lil missieru u jiżżewweġ lil ommu. Mimli bil-biża', Edipu jaqtagħha li qatt ma jerġa' jmur lura Korintu fejn Polibu u Merope, missieru u ommu, kienu jsaltnu. Hu u jterraq fl-inħawi ta' Tebi, jkollu xi jgħid ma' raġel xiħ riekeb f'karozzella, fuq min kellu jgħaddi l-ewwel; Edipu, mimli rabbja, joqtol lix-xwejjaħ.

X'ħin jasal ġo Tebi jsib il-belt f'inkwiet kbir: is-sultan Laju ftit qabel kien ħalla l-belt u qatt ma reġa' lura filwaqt li l-isfinġi, mostru - mara, kienet intasbet fuq blata barra s-swar u kienet toqtol lil dawk kollha li ma kinux jafu t-tweġiba għat-taqbila stramba tagħha. Edipu jirnexxilu jwieġeb sewwa u l-Isfingi tmut meta tintefa' għal isfel minn fuq il-blata. In-nies tal-belt jaħtru lil Edipu sultan tagħhom u hu jiżżewweġ lil Jokasta, li qabel kienet il-mara ta' Laju.

Il-belt tgħaddi minn żmien ta' ġid sakemm ifaqqas flaġell ieħor — dak tal-pesta. In-nies tal-belt flimkien mal-qassisin u l-mexxejja jinġabru madwar is-setgħani Edipu li issa għaddej mill-fjur ta' rġulitu u jgawdi poter kbir. Bħalma ħelishom minn taħt id-dwiefer ta' l-Isfingi huma jittamaw li jerġa' jwarrabhom minn taħt il-qilla ta' l-alla midbiel tad-deni. Hawnhekk tibda t-traġedja.

L-azzjoni f'**EDIPU s-SULTAN** hija ffurmata minn sensiela ta' episodji li bil-mod il-mod iwasslu biex jinkixef is-sigriet tal-biża' li hemm moħbi fil-ħajja tas-sultan. Wieħed wara l-ieħor, il-karattri jagħtu ħjiel ġdid sakemm is-sultan jistqarr: "Jekk qatt hemm ħażen eħżen minn kull ħażen, dan waqa' fuq Edipu".

# Dwar it-Traġedja

F'**EDIPU s-SULTAN** kważi xejn ma jiġri, ħlief li naraw nies, jaslu b'aħbarijiet. Inħarsu u naraw il-biċċiet ta' *'jigsaw puzzle'* neżlin waħda waħda f'posthom. Imma żgur li mhiex ħaġa ħafifa ssib traġedja mimlija daqshekk b'sens ta' avveniment.

*minn Sophocles the Dramatist - A.J.A. Waldock (1951)*

Fit-traġedja, il-biża' jinħass aktar f'dak li ma jidhirx milli f'dak li jidher.

*minn An Introduction to the Greek Theatre - Peter D'Arnott (1959)*

M'hux ta' b'xejn li l-kritika moderna ssostni li **EDIPU s-SULTAN** ta' Sofokli hija mibnija bħala rumanż pulizjesk. Jitwettaq delitt, jiġi mfittex il-ħati: għaldaqstant għandek is-*'suspense.'*

*minn Il Dio Kurt - Alberto Maravia.*

L-iktar ħaġa ta' siwi fit-traġedja griega kienet il-kelma mitkellma, l-użu tal-vuċi umana bħala mezz ta' komunikazzjoni jew persważjoni jew tratteniment. Il-kelma kienet issawwar n-narrazzjoni, ssaħħaħ il-fehma, tressaq l-argument, twarrab ir-retorika u tqanqal il-kant. **EDIPU s-SULTAN** tidher li hi traġedja movimentata ħafna, imma fil-fatt hija mibnija fuq in-narrazzjoni u l-argument.

*minn Ancient Culture and Society - The Greek Tragic Theatre H.C. Baldry (1971)*

**EDIPU s-SULTAN** forsi m'hix it-traġedja li l-aktar li tqanqal fina sens ta' ħniena, imma żgur li hi l-aktar waħda li timliena bil-biża. L-ispettatur huwa mwissi bi kliem car: *De te fabula* 'Din hi l-istorja tiegħek'.

*minn A Hand-book of Classical Drama-Richmond Y. Hathorn (1967)*

Wieħed ma jistax jistenna li udjenza ta' żmienna tiġi mqanqla meta tassisti għal traġedja maħduma bl-istess mod li kienet tiġi ppreżentata għall-pubbliku taż-żminijiet klassiċi. Għall-kuntrarju, li jrid jiġi mfittex fit-test innifsu, fil-kontinwità drammatika u fil-kwalità tar-rappreżentazzjoni huma dawk l-elementi eterni li jagħtu ħajja lit-traġedja.

*minn Programm uffiċjali tat-Teatru Nazzjonali tal-Greċja għal EDIPAURIA - 1981 - Anghelos Terzakis.*

Fil-prattika, teżisti din id-differenza għal attur li qed jinterpreta test modern u għal ieħor li jaħdem test klassiku: fl-ewwel każ, l-attur jeħtieġ ifittex 'għarfien ġewwieni' fit-test innifsu filwaqt li fit-tieni każ, irid jeħles l-emozzjonijiet tiegħu permezz ta' l-istruttura stess tat-taħdit.

Aktar ma nedukaw irwieħna, jiġifieri aktar ma nakkumulaw informazzjoni, aktar nieqfu milli nagħtu importanza lill-ħajja emozzjonali tal-lingwa, aktar tonqos il-komunikazzjoni verbali bejn in-nies. Fit-test klassiku l-attur mhux biss irid 'iħoss' imma jrid iqanqal rispons fl-udjenza prinċipalment permezz tal-lingwa.

*minn The Actor and His Text - Cicely Berry (1987)*

## Il-Koperatturi

Kienet il-ħarifa ta' l-1984 meta sitt irġiel iltaqgħu f'kamra mislufa lilhom għall-okkażjoni mid-Direttur ta' l-Istitut Kattoliku. Sitt irġiel li kellhom ħaġa inkomuni: imħabba lejn it-teatru. Matul din il-laqgħa, huma taw kelma lil xulxin li jaħdmu flimkien biex itellgħu xogħolijiet teatrali, u għażlu l-isem li bih kellhom jibqgħu magħrufa.

Id-debutt tagħhom sar fit-Teatru ta' l-Istitut Kattoliku fil-bidu tas-sena ta' wara bid-dramm *Fid-Dawl Baxx tal-Lampi* quddiem udjenza żgħira fin-numru, imma kbira fl-ammirazzjoni. Meta, tliet xhur wara, huma tellgħu it-tieni produzzjoni, *Noe u l-Arka* (dejjem fit-Teatru ta' l-Istitut Kattoliku), huma ġew stabbiliti, bla dubbju, bħala grupp li jaf sew il-lingwaġġ tat-Teatru.

Fit-tieni staġun teatrali tagħhom, KOPERATTURI, li huma kollha għalliema mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, taw is-servizz tagħhom lill-MUT Drama Circle, u tellgħu żewġ produzzjonijiet oħra fit-Teatru li rahom jiddebuttaw. Sadanittant, il-membri saru ħamsa, kif għadhom s'issa.

Fuq stedina ta' Dun Ġorġ Dalli, ir-rabta tagħhom ma' l-Istitut Kattoliku kompliet tissaħħaħ. Għalhekk mit-tielet staġun teatrali tagħhom, huma bdew itellgħu il-Produzzjonijiet tagħhom flimkien ma' l-Istitut Kattoliku. X'aktarx, mingħajr din il-kollaborazzjoni, KOPERATTURI kienu jsibuha tqila wisq biex ikomplu.

Fil-bidu ta' l-1988, il-Professur Oliver Friggieri avviċinahom biex jaraw jixtiqux itellgħu xogħol li hu kien kiteb, *Bħalissa Xi Ħadd Qed Imut Fuq l-Għolja*. Dan ix-xogħol qanqal l-interess tal-grupp u fil-fatt ittella' għall-ħabta ta' l-Għid ta' dik is-sena fi tliet knejjes ewlenin ta' Malta. Kien hawn li feġġet il-ħolma li tiġi ppreżentata t-traġedja ta' Sofokli fi traduzzjoni ta' Oliver Friggieri.

*Edipu s-Sultan* hi l-erbatax-il produzzjoni tal-KOPERATTURI u hi t-tielet tagħhom fit-teatru Manoel.


The Manoel Theatre Management Committee wishes to thank the following concerns for their kind co-operation.

ALITALIA
ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD
AUSTRIAN AIRLINES
AUTO SALES LTD. (KIND'S)
B.P.C. INTERNATIONAL LIMITED
FESTA LIMITED
HOLIDAY INN, TIGNE
LOMBARD BANK (MALTA) LTD.
MID-MED BANK LIMITED
NSTS STUDENTS & YOUTH TRAVEL
SIMONDS FARSONS CISK LTD.
SUNCREST HOTEL, QAWRA